MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 16/2005

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf seba' mija u disgha u erbghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm1749.92) bilanc minn somma ikbar dovuta kif gej:

a. in kwantu ghal elf erbgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm1024.69) dovuti bhala kera tal-vettura FIAT Brava bin-numru ta' registrazzjoni DBF 797 mikrija lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici;

b. in kwantu ghal mija disgha u sittin lira Maltin u tnejn u disghin centemzu (Lm169.92) dovuti bhala danni kkagunati fuq il-vettura hawn fuq imsemmija;

c. in kwantu ghal tliet mija hmsa u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm355.31) dovuti

bhala parts biex setghet tissewwa l-hsara fil-vettura in kwistjoni;

d. in kwantu ghal mitejn lira Maltin (Lm200) dovuti bhala insurance excess.

Is-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata, anke permezz ta’ ittra ufficjali tas-7 ta’ April 2005 baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ April 2005 u bl-imghax kummercjali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata b’dan l-avviz kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh ta’ din il-kawza, naqset milli tidher u tikkontesta t-talba.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta wkoll naqset illi tirrispondi ghall-kapitoli li gew approvati fis-seduta tal-24 ta’ Jannar 2006.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi jirrizultalha illi t-talbiet attrici huma gustifikati.

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf seba’ mija u disgha u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1749.92) bilanc minn somma ikbar u dan kif ben spjegat aktar ‘il fuq.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ April 2005 u bl-imghax kummerjcali dekorribbli mill-ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------